MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 110/2003

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Raymond Said**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba fejn gie premess illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tlettax-il liri maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm113.63) liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' servizz telefoniku li jgib in-numru 21555347(A/C10215990) liema servizz gie installat fil-fond bin-numru ufficjali N.B. Telegraph Street, Nadur, Ghawdex skond diversi kontijiet mibghuta lilu, prospett hawn anness markat Dok A, u kuntratt relattiv markat Dok B.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali.

Peress illi t-talba attrici giet ippruvata permezz tal-ammissjoni tal-konvenut.

Jilqa’ t-talba billi jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta’ LM113.63 in konnessjoni ma’ servizz telefoniku bl-imghax legali mid-data tas-sentenza  sad-data tal-eventwali hlas effettiv u bl-ispejjez tal-istanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------